II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2021/769

tat-30 ta' April 2021

li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 322(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ([2]),

Billi:

(1) Ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), li ġiet stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (EU, Euratom) 2020/2053 ([3]) (ir-"riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT") jenħtieġ li ssir disponibbli għall-Unjoni fl-aħjar kondizzjonijiet possibbli. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għall-Istati Membri biex dik ir-riżorsa proprja titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

(2) Għall-fini tas-sempliċità u t-trasparenza, u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li r-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT tiġi kkalkulata fuq il-bażi ta' rata medja ponderata pluriennali definittiva. Jenħtieġ li l-arranġamenti għad-determinazzjoni tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT jiġu stabbiliti b'mod uniformi, billi jibdew mid-dħul li kien effettivament inġabar f'sena kalendarja, li jenħtieġ li jkun l-uniku metodu definittiv għad-determinazzjoni tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT.

(3) Jenħtieġ li r-rata medja ponderata definittiva tal-VAT għas-sena finanzjarja 2016 f'kull Stat Membru tintuża bħala r-rata medja ponderata pluriennali definittiva.

(4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura ta' rieżami affidabbli u rapida sabiex jiġi solvut tilwim possibbli li jista' jirriżulta bejn Stat Membru u l-Kummissjoni dwar l-ammont ta' kwalunkwe korrezzjoni għall-estratti tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u b'hekk jiġu evitati proċedimenti ta' ksur li jieħdu l-ħin u bi spiża għolja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

([1]) Opinjoni tal-25 ta' Marzu 2021 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Opinjoni tat-8 ta' Diċembru 2020 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li thassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

(5) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 ([4]), il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tispeċifika b'mod ulterjuri il-proċedura għar-rieżami tal-korrezzjonijiet għall-estratti tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u fir-rigward tas-soluzzjonijiet u l-modifiki relatati proposti mill-Istati Membri sabiex jiġu determinati ċerti ammonti li jridu jitqiesu għall-fini tal-kalkolu tal-ammont totali ta' dħul nett tal-VAT miġbur. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5])

(6) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 jiġi emendat skont dan.

(7) Għal raġunijiet ta' konsistenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-istess jum bħad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 u jenħtieġ li japplika mill-istess data ta' applikazzjoni bħal dik id-Deċiżjoni, jiġifieri, mill-1 ta' Jannar 2021. Madankollu, -l-emendi stabbiliti f'dan ir-Regolament għar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 ma japplikawx għall-produzzjoni jew il-korrezzjoni ta' estratti tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għas-snin finanzjarji qabel l-2021,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 huwa emendat kif ġej:

(1) qabel l-Artikolu 1, il-kliem "Titolu I Dispożizzjonijiet ġenerali" huma mħassra;

(2) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għandha tiġi kkalkulata billi tiġi applikata r-rata uniformi ta' ġbir skont il-punt (b) tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 (*), għall-bażi ddeterminata f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1)";

(3) qabel l-Artikolu 2, il-kliem "Titolu II Kamp ta' Applikazzjoni" jitħassru;

(4) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għandha tiġi kkalkulata abbażi tat-tranżazzjonijiet taxxabbli msemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE (*).

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).";

(5) qabel l-Artikolu 3, il-kliem "Titolu III Metodu ta' kalkolu" jitħassru;

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(6) L-Artikoli 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 3

1. Għal sena kalendarja partikolari, il-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għandha tiġi determinata billi l-ammont tad-dħul nett totali tal-VAT miġbur minn Stat Membru mit-tranżazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 2 matul dik is-sena, korrett f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jiġi diviż bir-rata medja ponderata pluriennali definittiva, kif ikkalkulata f'konformità mal-metodu stabbilit fl-Artikolu 4.

Din ir-rata medja ponderata pluriennali definittiva għandha tiġi espressa bħala perċentwal, billi jiġi applikat il-metodu komuni stabbilit fl-Artikolu 4.

2. L-ammont tad-dħul nett totali tal-VAT imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi kkoreġut biex jagħmel tajjeb għal li ġej:

(a) kwalunkwe ammont li jrid jiġi trattat għal finijiet tar-riżorsi proprji bħala tranżazzjonijiet li joriġinaw fi, jew li huma destinati għal, Stat Membru għalkemm joriġinaw fi, jew ikunu destinati għal, territorju msemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2006/112/KE;

(b) kwalunkwe ammont li jirriżulta minn tranżazzjonijiet li joriġinaw fi, jew li jkunu maħsuba għal, wieħed mill-postijiet imsemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/112/KE, sa fejn l-Istat Membru jkun jista' jagħti prova li d-dħul ikun ġie ttrasferit għal dak il-post;

(c) kwalunkwe ammont dovut b'segwitu għal korrezzjonijiet li jirriżultaw minn ksur tad-Direttiva 2006/112/KE.

3. L-ammont determinat bl-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi mmultiplikat bir-rata uniformi ta' ġbir skont il-punt (b) tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 sabiex tinkiseb ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT li għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

Artikolu 4

1. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għandha tiġi kkalkulata abbażi ta' snin kalendarji.

2. Ir-rata medja ponderata pluriennali definittiva għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-metodu stabbilit fil-paragrafi 3 sa 8.

3. Ir-rata medja ponderata pluriennali definittiva għandha tkun il-perċentwal ikkalkulat minn kull Stat Membru, rispettivament, għas-sena finanzjarja 2016, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu kif applikabbli qabel l-1 ta' Jannar 2021.

4. Il-perċentwal li fih tiġi espressa r-rata medja ponderata pluriennali definittiva għandu jiġi kkalkulat sar-raba' pożizzjoni deċimali.

5. I r-rata medja ponderata pluriennali definittiva għandha tkun ġiet spezzjonata u għandu tkun ħielsa minn notifiki dwar punti pendenti kif imsemmi fl-Artikolu 9(2).

6. Ir-rata medja ponderata taħt in-notifika għandha tintuża sakemm il-punti li jkunu ġew notifikati kif imsemmi fl-Artikolu 9(2) ikunu ġew solvuti, u għandha titqies bħala r-rata medja ponderata pluriennali proviżorja.

7. Ladarba l-punti li jkunu ġew notifikati kif imsemmi fl-Artikolu 9(2) ikunu ġew solvuti, il-perċentwal li jirriżulta għandu jissostitwixxi r-rata medja ponderata pluriennali proviżorja, u għandu jsir ir-rata medja ponderata pluriennali definittiva mis-sena finanzjarja 2021 'il quddiem.

8. L-implikazzjonijiet baġitarji ta' kwalunkwe differenza bejn ir-rata medja ponderata pluriennali proviżorja u dik definittiva għandhom jiġu indirizzati skont il-proċedura deskritta fl-Artikolu 10b(5) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 (*) (l-"eżerċizzju tal-bilanċ annwali").

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).

(7) L-Artikoli 5 u 6 jitħassru;

(8) qabel l-Artikolu 7, il-kliem "Titolu IV Dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kontabbiltà u d-disponibbiltà tar-riżorsi proprji" jitħassru;

(9) L-Artikoli 7, 8 u 9 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 7

1. Sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni l-estratt tal-ammont totali tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għas-sena kalendarja preċedenti, determinat skont l-Artikolu 3, li għalih għandha tkun applikata r-rata uniformi ta' ġbir imsemmija fl-Artikolu 1.

2. L-estratt imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun fih id-data kollha użata biex tkun iddeterminata l-bażi li hija meħtieġa għall-ispezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/768 (*)

3. Id-data li tintuża sabiex tiġi determinata l-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għandha tkun id-data l-aktar reċenti disponibbli meta l-estratt ikun ippreparat.

4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu estensjoni tal-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jekk ċirkostanzi eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tagħhom jagħmluha impossibbli li jitwettqu l-kalkoli skont l-Artikolu 3 u għalhekk sabiex jaderixxu ma' dak il-limitu ta' żmien. Talba bħal din għandha ssir lill-Kummissjoni bil-miktub u għandha tagħti r-raġunijiet għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali.

5. Il-Kummissjoni, wara li teżamina t-talba msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, tista' tagħti estensjoni waħda tal-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal massimu ta' xahrejn. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta l-għadd ta' talbiet u d-deċiżjonijiet korrispondenti tagħha lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 13(1) fuq bażi annwali.

"Artikolu 8

Sal-15 ta' April ta' kull sena, għal finijiet baġitarji, l-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni stima tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għas-sena finanzjarja li jmiss."

"Artikolu 9

1. Kwalunkwe korrezzjoni għall-estratti msemmija fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament tas-snin finanzjarji preċedenti, tkun xi tkun ir-raġuni, għandha ssir bi ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat.

Jekk l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni ma jaqblux dwar korrezzjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lil dak l-Istat Membru dwar il-korrezzjoni meħtieġa b'ittra. Dik l-ittra għandha tikkostitwixxi "miżuri" kif imsemmija fil-punt (c) tal- Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

1a. L-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tirrieżamina l-korrezzjoni kkomunikata fl-ittra msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fi żmien xahrejn mill-jum meta tkun waslet dik l-ittra. Ir-rieżami għandu jiġi konkluż b'deċiżjoni li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur mill-jum li tkun waslet it-talba tal-Istat Membru.

F'każ li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tirrevedi l-ammonti għal kollox jew parzjalment b'mod korrispondenti għall-korrezzjoni kkomunikata fl-ittra msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni l-ammont korrispondenti. La t-talba tal-Istat Membru għal rieżami tal-korrezzjoni u lanqas rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni m'għandhom jaffettwaw l-obbligu tal-Istat Membru li jqiegħed għad-dispożizzjoni l-ammont korrispondenti għall-korrezzjoni.

Il-korrezzjonijiet kollha għall-estratti msemmi fl-Artikolu 7(1) għandhom ikunu inkorporati f'estratti aggregati, li għandhom jemendaw l-estratti ta' qabel għas-snin finanzjarji konċernati.

1b. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw aktar il-proċedura għar-rieżami msemmija fil-paragrafu 1a. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(3).

2. L-ebda korrezzjoni oħra m'għandha ssir għall-estratti tal-kont imsemmija fl-Artikolu 7(1) wara l-31 ta' Lulju tar-raba' sena wara s-sena finanzjarja ikkonċernata, sakemm dawk il-korrezzjonijiet ma jikkonċernaw punti nnotifikati qabel jew mill-Kummissjoni inkella mill-Istat Membru kkonċernat.

_____

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/768 tat-30 ta' April 2021 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 608/2014 (ĠU L 165,p ....1)";

(10) qabel l-Artikolu 10, il-kliem "Titolu V Dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kontroll" jitħassru;

(11) L-Artikoli 10 sa 13 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 10

1. Sat-30 ta' April kull sena, kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe soluzzjoni jew modifika relatata li jipproponi li jiġu adottati sabiex jiġu determinati l-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 3(2). Is-soluzzjoni proposta għandha tindika, fejn applikabbli, in-natura tad-data li l-Istat Membru jqis xieraq, u għandu jinkludi stima tal-valur tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għal kull punt.

Sal-31 ta' Mejju tal-istess sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Istati Membri l-oħra l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu li hi tkun irċeviet minn Stat Membru.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni rigward is-soluzzjonijiet u l-modifiki relatati proposti mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 13(2), fi żmien 60 jum wara li l-kumitat imsemmi fl-Artikolu 13(1) ikun ta l-opinjoni tiegħu."

"Artikolu 11

1. Wara l-ispezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2021/768, l-estratt imsemmi fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament għandu jkun ikkorreġut kif speċifikat fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament.

2. Fir-rigward tar-rata medja ponderata pluriennali definittiva msemmija fl-Artikolu 4(2), il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-korrezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9 ippreżentati mill-Istati Membri sabiex tiġi solvuta kwalunkwe notifika dwar punti pendenti fir-rigward tar-rata medja ponderata."

"Artikolu 12

1. Kull sena, kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni informazzjoni dwar it-tibdil kollu rilevanti għall-proċessi u l-proċeduri amministrattivi li hu japplika għall-ġbir ta' VAT meta mqabbla mal-informazzjoni li jkun ippreżenta preċedentement.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonsidra, flimkien mal-Istat Membru kkonċernat, jekk il-proċessi u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 jistgħux ikunu mtejba.

3. Kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport dwar il-miżuri meħuda u l-progress li jkun sar mill-Istati Membri b'rabta mal-ġbir ta' VAT u dwar kwalunkwe titjib.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2025."

"Artikolu 13

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (ACOR/VAT) stabbilit bl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2021/768. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).";

(12) wara l-Artikolu 13, jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 13a

1. Il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport dwar il-funzjonament tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025. Ir-rapport għandu jiddikjara:

(a) l-għadd ta' Stati Membri li għadhom japplikaw rata medja ponderata soġġetta għal kwalunkwe notifika dwar punti pendenti;

(b) kwalunkwe tibdil fir-rati nazzjonali tal-VAT.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi valutazzjoni dwar jekk is-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT, b'mod partikolari r-rata medja ponderata pluriennali, hijiex effettiva u adegwata. Jekk xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta għal modifika ta' dan ir-Regolament bil-ħsieb li tiġi kkalkulata r-rata medja ponderata pluriennali abbażi ta' data aktar reċenti.";

(13) qabel l-Artikolu 14, il-kliem "Titolu VI Dispożizzjonijiet finali" jitħassru;

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni (EU, Euratom) 2020/2053.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Madankollu, l-Artikolu 1 m'għandux japplika għall-produzzjoni jew il-korrezzjoni ta' estratti tal-bażi għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għas-snin finanzjarji qabel l-2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS